public service

# Charter ta' Servizz ta' Kwalità

Data meta magħmul: 7 ta' Marzu 2022

Data aġġornata: 19 ta' April 2024

Numru tal-Verżjoni: 2

Dipartiment responsabbli biex jaġġorna dan id-dokument: Aġenzija Identità - Taqsima tal-Karta tal-Identità

Aġenżija Identità - Taqsima tal-Karta tal-Identità Malta
Gattard House, Triq Nazzjonali,
Blata l-Bajda ĦMR 9010

identità

# Werrej

1. Għan 3

2. Min Aħna u X'nagħmlu 3

3. Prinċipji Gwida 3

4. Klijenti ta' Taqsima tal-Karta tal-Identità 4

5. Impenn Tas-Servizz 4

6. Kif Tista' Tikkuntattjana 5

7. Aħna Qegħdin Għad-Dispożizzjoni Tiegħek 6

8. Feedback u Lmenti 6

9. Impenn Għal Titjib Kontinwu 8

10. Appendiċi 9

## 1. GĦAN

Is-servizzi li nipprovdu huma msejsa fuq Charter ta' Servizz ta' Kwalità li jinforma lill-klijenti tagħna dwar il-livell ta' servizz li għandhom jistennew li jirċievu. Dan jirrifletti l-impenn tagħna, kif ukoll dak tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, għall-għoti ta' Servizz ta' Eċċellenza billi jħaddan il-Mudell ta' Kwalità tal-4 Pilastri li fuqhom huwa msejjes is-Servizz Pubbliku:

**Vuċi:** Nisimgħu lill-klijenti u ma niddejqux nisimgħu l-kritika għas-servizz li noffru u l-ideat li jkollhom kif intejbu s-servizz għalihom. Naraw l-ideat li l-klijenti jwasslulna u nsaħħu l-iskema ta' ideat li jiġu minn fost l-impjegati;

**Disinn:** Niffurmaw politiki u proċessi li jilħqu l-livelli mixtieqa mill-klijenti;

**Pakkett:** Servizz f'waqtu, ta' livell u faċli li jilħaq u jintlaħaq;

**Kontabilità:** Il-qofol ta' servizz onest u li jagħti garanzija ta' onestà. Kontabilità tfisser ukoll lealtà lejn il-klijent li jagħmel użu mis-servizz li nagħtu li tissarraf u tkun manifestata f'dawn l-istess prinċipji bażiċi li rridu nħaddmu.

## 2. MIN AĦNA U X'NAGĦMLU

### IL-MISSJONI TAGĦNA

Il-missjoni tat-Taqsima tal-Karta tal-Identità hija li tissodisfa, fil-parametri tal-Ftehim tal-Aġenzija Identità, ir-responsabbiltajiet legali, regolatorji, politiċi, ta' strateġija u ta' servizz tagħha lill-gvern, u lill-pubbliku ġenerali bl-ogħla livell ta' responsabbiltà, integrità, effiċjenza, effikaċja, ekonomija, u eċċellenza fis-servizz.

## 3. PRINĊIPJI GWIDA

L-operat kollu tagħna jimxi fuq u huwa kommess għall-5 Kriterji ta' Servizz ta' Kwalità:

**Affidabilità**: Aħna impenjati li niżguraw li s-servizzi li nipprovdu huma konformi ma'dak imwiegħed. Aħna se nipprovdu informazzjoni preċiża u l-klijent jista' jitlob li tkun bil-miktub. Is-servizzi tagħna huma konsistenti u kommessi għall-ħtiġiet tal-klijenti.

**Empatija:** Aħna impenjati li nipprovdu servizzi li huma mfassla għall-bżonnijiet tal-klijenti tagħna u offruti b'attenzjoni individwali. Aħna se nistinkaw biex nikkomunikaw b'lingwa li hija ħielsa minn lingwaġġ tekniku, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal kulħadd.

**Assigurazzjoni:** L-istaff tagħna huwa infurmat u edukat. Aħna impenjati li nipprovdu servizz professjonali li l-klijenti jistgħu jafdaw.

**Reazzjoni:** Aħna nipprovdu s-servizzi tagħna filħin u mingħajr dewmien bla bżonn. Aħna impenjati li nwieġbu għat-talbiet, problemi jew ilmenti tal-klijenti.

**Tanġibbli:** L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur fejn is-servizzi tagħna jistgħu jiġu mfittxija b'mod konvenjenti u sigur.

## 4. KLIJENTI TA' TAQSIMA TAL-KARTA TAL-IDENTITÀ

Ċittadini Maltin li għandhom 14-il sena u aktar li jixtiequ japplikaw għall-Karta tal-Identità elettronika għall-ewwel darba, u/jew ċittadini Maltin li diġà għandhom Karta tal-Identità elettronika u jixtiequ jġedduha, jew jibdluha għal raġunijiet varji.

## 5.IMPENN TAS-SERVIZZ

Aħna niżguraw li nonoraw b'mod assolut, kull żmien li jieħu s-servizz u li jkun fil-kontroll tagħna. Meta s-servizz mitlub ikun jiddependi fuq dipartimenti jew entitajiet oħra, aħna kommessi li nikkuntattjawhom aħna stess sabiex inti tkun tista' tirċievi tweġiba finali fil-ħin.

| | |
|---|---|
| Komunikazzjoni: | Speċifika, dritt għall-punt u mingħajr termini tekniċi. Kull informazzjoni tkun mogħtija kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.<br><br>Korrispondenza li nirċevuha bil-Malti nweġbuha bil-Malti, filwaqt li kull korrispondenza oħra tkun imwieġba bl-Ingliż. |
| Binjiet: | Aċċess sħiħ għan-nies ta' kull abilità u ċertifikazzjoni regolari tas-sigurtà tal-binjiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti. |
| Talba Għal Informazzjoni Permezz Tas-Sit Elettroniku/Imejl/Telefown/ Midja Soċjali / Posta / Posta Tradizzjonali: | Tweġiba finali fi żmien 3 ijiem tax-xogħol. |
| Talba Għas-Servizz: | Għamel referenza għall-**Appendiċi 1** biex tara lista ta' servizzi. |
| Telefonati: | Fil-jiem tax-xogħol, jitwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefown. |
| Rikonoxximent Tal-Komunikazzjoni: | Fi żmien jum tax-xogħol minn meta tasal it-talba għall-informazzjoni jew applikazzjoni għal servizz. Din tista' ma tingħatax kemm-il darba s-servizz jew informazzjoni jingħataw fl-istess żmien. |
| Appuntamenti: | L-applikanti jistgħu jagħmlu appuntament billi jagħfsu hawn: https://eidbooking.identitymalta.com/v2/ |
| Ħin Fil-Kju (Fejn Applikabbli): | Inti tkun milqugħ/a mal-wasla tiegħek u niggwidawk għas-servizz mitlub minnek. Inti tkun dirett lejn l-uffiċjal sabiex tinqeda. Il-ħin ta' stennija għall-klijenti li ssottomettew l-applikazzjoni tal-Karta tal-Identità tagħhom online jew li l-applikazzjoni tagħhom tkun diġà mimlija, se jkun bejn wieħed u ieħor bejn għaxar jew għoxrin minuta f'ċirkostanzi normali. |

| | |
|---|---|
| Informazzjoni Online: | L-informazzjoni fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni tagħna ser tinżamm aġġornata. Jekk għandek aċċess għall-internet, tista' ssib informazzjoni rilevanti fuq is-sit web tagħna:<br><br>https://www.identitymalta.com/unit/taqsima-tal-karta-tal-identita/?lang=mt<br>https://www.facebook.com/IdentityMaltaAgency<br>https://www.instagram.com/identitymalta/ |
| Metodi Ta' Pagament: | Fejn applikabbli, il-ħlas jista' jsir fi flus kontanti jew permezz ta' kard ta' debitu/kreditu. |

Barra minn hekk, il-ħin li jieħu s-servizz (dan hu l-ħin li jittieħed biex tiġi pproċessata applikazzjoni), il-kriterji tal-eliġibilità, u r-rekwiżiti tal-applikazzjoni li huma deskritti f'Sezzjoni 10 ta' dan id-dokument, għandhom japplikaw.

## 6. KIF TISTA' TIKKUNTATTJANA

Ladarba applikazzjoni jew talba għal informazzjoni tkun magħmula magħna, aħna se nkunu responsabbli biex nevalwawha, insegwuha, filwaqt li nżommuk infurmat biex niżguraw li inti tirċievi tweġiba definittiva.

L-assistenza tagħna tista' takkwistaha permezz tal-mezzi sussegwenti, fil-ħin speċifikat:

A. L-uffiċċji tagħna:

- Malta

Taqsima tal-Karta tal-Identità, Aġenzija Identità Malta
Gattard House,
Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.
ĦMR 9010

B. Ħinijiet tal-ftuħ

- Malta

It-Tnejn 07:30 – 14:00
It-Tlieta 07:30 – 14:00
L-Erbgħa 07:30 – 14:00
u 15:00 – 18:00
Il-Ħamis 07:30 – 14:00
Il-Ġimgħa 07:30 – 14:00
Is-Sibt 07:30 – 11:00

C. Bit-telefown

+356 2590 4300
Matul il-ħinijiet tal-uffiċċju

D. Bl-Imejl:
infoeid@gov.mt

E. Minn fuq is-sit elettroniku tagħna:
https://www.identitymalta.com/unit/taqsima-tal-karta-tal-identita/?lang=mt

## 7. AĦNA QEGĦDIN GĦAD-DISPOŻIZZJONI TIEGĦEK

Aħna impenjati sabiex ngħinukom tiksbu l-informazzjoni u d-dokumenti neċessarji marbuta mas-servizz relatat.

Aħna niżguraw li inti:

- Tagħtina informazzjoni f'waqtha, sħiħa u eżatta. Meta nirċievu applikazzjoni mhux kompluta, aħna ninfurmawk dwar dak li jkun hemm bżonn aktar u ngħinuk biex iġġib id-dokumenti rekwiżiti, u biex timliehom b'mod korrett;
- Tieħu l-ħin tiegħek biex taqra l-applikazzjoni b'attenzjoni biex tkun tista' tgħinna nagħtu servizz f'waqtu;
- Tipprovdilna feedback biex inkomplu ntejbu s-servizz tagħna. Is-servizz tagħna huwa pprovdut minn tim dedikat u professjonali. Dan ma jfissirx li ma naċċettawx kummenti mingħandek sabiex inkunu nistgħu ntejbu s-servizz tagħna. Tista' tagħmel dan billi tuża l-mezzi kif indikati f'Sezzjoni 8 hawn taħt;
- Tikkomunika magħna b'mod ċar u konċiż bil-Malti jew bl-Ingliż;
- Tittratta lill-istaff tagħna bil-korteżija u r-rispett li jixraqlu, kif hu obbligat jittratta lilek.

Fuq is-sit elettroniku tagħna għandek issib kull applikazzjoni li teħtieġ flimkien ma' listi ta' dokumenti li għandek bżonn għal kull applikazzjoni.

## 8. FEEDBACK U LMENTI

Aħna impenjati li noffru Servizz ta' Eċċellenza u nirsistu li nġibu fis-seħħ titjib kontinwu fis-servizz tagħna lilek. Aħna niggarantixxu l-anonimità tiegħek u li l-feedback tiegħek jgħinna ntejbu s-servizzi tagħna.

Jekk taħseb li ħadna xi żball u/jew li l-istaff tagħna ma ġabx ruħu sew, jew li ma takx biżżejjed ħsieb u attenzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattjana.

Feedback u lmenti jistgħu jintbagħtu kif ġej:

Taqsima tal-Karta tal-Identità

- Personalment: Taqsima tal-Karta tal-Identità Malta, Gattard House, Triq Nazzjonali Blata l-Bajda ĦMR 9010
- Bit-telefown: +356 2590 4300
- Bil-Posta: Taqsima tal-Karta tal-Identità, Aġenzija Identità Malta, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda. ĦMR 9010
- Bl-imejl: infoeid@gov.mt
- L-app Rate the Public Service tista' titniżżel permezz tad-direttorju tal-maltapps jew ibbażata fuq il-web https://publicservice.gov.mt/mt/rtps/Pages/Home.aspx

servizz.gov

- Online: billi taċċessa s-sit elettroniku ta' servizz.gov, u tikklikkja fuq 'Issottometti lment' hawn: https://servizz.gov.mt/en/pages/file-a-complaint/default.aspx
- Bit-telefown: 153

Meta tagħmel ilment:

- Ikkwota n-numru ta' referenza li tkun ingħatajt fir-rigward tat-tranżazzjoni li tkun qed tilmenta dwarha;
- Speċifika x'inhi l-problema/każ; u
- Ipprovdi informazzjoni addizzjonali li kapaċi tgħinna nsolvu l-ilment tiegħek.

Meta nindirizzaw l-ilmenti, aħna:

- Niggarantixxu l-kunfidenzjalità tiegħek;
- Nirreferu l-każ tiegħek lill-Customer Care Unit u nibagħtulek rikonoxximent tal-komunikazzjoni fi żmien jum tax-xogħol;
- Nipprovdulek numru ta' referenza partikolari sabiex tkun tista' tiċċekkja l-istatus tal-ilment tiegħek meta trid.

Bħala proċedura normali, kull rikonoxximent ta' komunikazzjoni jingħata lill-benefiċjarji fl-istess jum li tkun saret it-talba għal informazzjoni jew li tkun saret l-applikazzjoni għas-servizz.

- Inwettqu investigazzjoni fuq il-problema/każ u nikkonkluduha malajr kemm jista' jkun, imma sa mhux aktar tard minn
    - 5 ijiem tax-xogħol (f'każijiet fejn nistgħu nikkonkludu l-każ aħna) jew
    - 10 ijiem tax-xogħol (f'każijiet fejn irridu nakkwistaw feedback minn dipartimenti jew entitatjiet oħra) minn meta nkunu rċivejna l-ilment u l-informazzjoni rekwiżita kollha;
- Ninfurmawk bil-miktub dwar l-eżitu tal-investigazzjoni tagħna fuq l-ilment tiegħek sa mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol mill-konklużjoni tal-investigazzjoni.

Wara li nkunu għalaqna l-proċess tal-ilment tiegħek, aħna nimpenjaw ruħna biex nieħdu kwalunkwe azzjoni rimedjali fejn applikabbli, kif ukoll azzjoni korrettiva fejn neċessarju biex int ma terġax tesperjenza l-istess sitwazzjoni jew waħda simili.

DIRETTORAT DWAR KWALITÀ TAS-SERVIZZ FI ĦDAN IL-PEOPLE & STANDARDS DIVISION

F'ċirkostanzi fejn l-appoġġ mistenni ma jkunx ingħata mill-mezzi indikati hawn fuq, int tista' tibgħat rapport lid-Direttorat dwar Kwalità tas-Servizz fi ħdan il-People & Standards Division b'imejl fuq qualityofservice-opm@gov.mt.

## 9. IMPENN GĦAL TITJIB KONTINWU

Bl-għan ta' Servizz ta' Eċċellenza u titjib kontinwu f'moħħna, dan iċ-Charter ta' Servizz ta' Kwalità se jiġi rivedut skont il-ħtieġa, u talanqas darba kull 12-il xahar biex ngħarblu l-prestazzjoni tagħna f'termini tal-istandards imwaqqfa f'dan iċ-Charter, kif ukoll f'dak li jirrigwardja l-mod ta' kif nilħqu l-aspettattivi tiegħek.

Dan il-proċess ta' reviżjoni se jkun ibbażat fuq:

- Politika tal-Gvern
- Data miġbura tal-operat (eż. servizzi offruti, servizzi mogħtija, eċċ.)
- Benchmarking
- Feedback
- Ilmenti
- Stħarriġ
- Assessjar tal-Kwalità tas-Servizz
- Eżerċizzji ta' Mystery Shopping

L-istandards tas-servizz ta' kwalità relattivi għas-servizzi pprovduti se jkunu mmonitorjati u mkejla. Ir-riżultati tar-reviżjoni interna u l-proċessi ta' monitoraġġ se jintużaw bħala bażi biex inkomplu ntejbu s-servizz.

# APPENDIĊI 1

## 10. Appendiċi 1

Aħna se niżguraw li ż-żmien li jieħu s-servizz, sakemm ikun fil-kontroll tagħna, se jiġi rrispettat. Meta s-servizz mitlub ikun jiddependi minn dipartimenti jew entitatjiet oħra, aħna kommessi li nsegwuh aħna stess sabiex inti tirċievi r-risposta finali fil-ħin.

| Servizz | Entità responsabbli | Eliġibilità | Dak li huwa rikjest għal fini ta' konformità | Għażla ta' Applikazzjonijiet | Żmien stipulat li fih irid jingħata s-Servizz |
|---|---|---|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda għal Karti tal-Identità.<br><br>Il-ħruġ ta' Karta tal-Identità elettronika għall-applikanti għall-ewwel darba. | Aġenzija Identità Malta – Taqsima tal-Karta tal-Identità. | Applikanti jeħtieġ li jkunu Ċittadin ta' Malta u jkollhom 14-il sena jew aktar. | L-applikanti jridu jippreżentaw dan li ġej:<br>a. Formola tal-Applikazzjoni ID10* (li trid timtela mill-applikant u ffirmata u ttimbrata minn rakkomandant),<br>b. Ritratt tad-daqs tal-passaport iffirmat fuq wara mill-istess rakkomandant,<br>c. Ċertifikat taċ-Ċittadini/ Ċittadini b'nazzjonalità doppja mill-Aġenzija Komunità Malta fil-każ ta' persuni li kisbu ċ-Ċittadinanza Maltija.<br><br>*Il-Formola tal-Applikazzjoni ID10 tista' tingħabar mit-Taqsima tal-Karta tal-Identità. Informazzjoni rilevanti oħra tista' tiġi aċċessata fuq is-sit web ta' Identità Malta:<br>https://www.identitymalta.com/unit/taqsima-tal-karta-tal-identita/?lang=mt | Personalment: fl-Uffiċċji tat-Taqsima tal-Karta tal-Identità, Gattard House Blata l-Bajda, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju.<br><br>Online: L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi online permezz tas-sit web ta' Identità Malta https://eforms.identitymalta.com/applications/new. Meta jiġu sottomessi, l-applikanti jirċievu imejl awtoġenerata fejn jiġu infurmati li għad iridu jżuru t-Taqsima tal-Karta tal-Identità sabiex id-data bijometrika tagħhom tingħabar u jiffirmaw il-formoli relattivi.<br><br>Il-formoli elettroniċi ppreżentati online jistgħu jiġu pprintjati mad-desk tar-reception fit-Taqsima tal-Karta tal-Identità. L-applikant ikollu jipprovdi n-numru ta' referenza tal-applikazzjoni tiegħu mad-desk tar-reception sabiex jipprintja l-formoli. | Fl-istadju tal-approvazzjoni, l-applikanti se jirċievu imejl awtoġenerata u se jiġu infurmati li l-applikazzjoni tagħhom qed tiġi pproċessata.<br><br>Il-Karta tal-Identità elettronika tista' tingħabar mit-Taqsima tal-Karta tal-Identità wara sitt ijiem ta' xogħol. L-applikanti jkollhom jippreżentaw il-Formola ID9 – Karta tal-Identità elettronika temporanja (il-karta roża) maħruġa lilhom fil-fażi tal-applikazzjoni.<br><br>Parti terza tista' wkoll tiġbor il-karta tal-identità elettronika f'isem l-applikant. Il-parti terza jkollha tippreżenta d-dokumentazzjoni msemmija hawn fuq flimkien mad-dokument ta' identifikazzjoni tagħha.<br><br>L-applikanti li jagħżlu li jirċievu l-Karta tal-Identità elettronika tagħhom bil-posta rreġistrata se jirċevuha fi żmien sebat ijiem sa għaxart ijiem, skont is-servizz postali. Il-persuna li tirċievi l-Karta tal-Identità elettronika għandha tkun id-dar fil-mument li tiġi riċevuta u jeħtieġ li tippreżenta l-Formola ID9 – Karta tal-Identità elettronika Temporanja (il-karta roża) lill-uffiċjal tal-Maltapost.<br><br>Għal talbiet urġenti, il-Karta tal-Identità elettronika tista' tingħabar fi żmien tlett ijiem ta' xogħol jew inqas skont il-ħtieġa. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Karti tal-Identità elettronika mitlufa<br><br>Sostituzzjoni ta' Karta tal-Identità elettronika mitlufa. | Aġenzija Identità– Taqsima tal-Karta tal-Identità. | Ċittadini ta' Malta li diġà għandhom Karta tal-Identità elettronika Maltija. | L-applikanti jridu jippreżentaw dan li ġej:<br><br>a. Rapport tal-Pulizija li jkun fih dettalji dwar il-Karta tal-Identità elettronika mitlufa, bħal meta u fejn intilfet.<br>b. Il-formola ID10a mimlija.* (li trid timtela mill-applikant)<br><br>*Il-Formola tal-Applikazzjoni ID10a tista' tinġabar mit-Taqsima tal-Karta tal-Identità. Informazzjoni rilevanti oħra tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit web tal-Aġenzija Identità Malta: https://www.identitymalta.com/unit/taqsima-tal-karta-tal-identita/?lang=mt<br><br>Tapplika tariffa ta' €22. | L-istess bħal hawn fuq. | L-istess bħal hawn fuq. |
| Tiġdid tal-Karta tal-Identità elettronika, li skadiet, 14+ 16+, 18+, 60+ u 75+ sena.<br><br>Ħruġ ta' Karta Identità elettronika minflok ta' hawn fuq. | Aġenzija Identità– Taqsima tal-Karta tal-Identità. | Ċittadini ta' Malta li diġà għandhom Karta tal-Identità elettronika Maltija. | L-applikanti jridu jippreżentaw dan li ġej:<br><br>a. Klijenti għandhom jippreżentaw il-Karta tal-Identità elettronika tagħhom.<br>b. Il-Formola ID10a mimlija.*<br><br>*Il-Formola tal-Applikazzjoni ID10a tista' tinġabar mit-Taqsima tal-Karta tal-Identità. Informazzjoni rilevanti oħra tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit web ta' Identità Malta https://www.identitymalta.com/unit/taqsima-tal-karta-tal-identita/?lang=mt. | L-istess bħal hawn fuq. | Fl-istadju tal-approvazzjoni, l-applikanti se jirċievu imejl awtoġenerata u se jiġu infurmati li l-applikazzjoni tagħhom qed tiġi pproċessata.<br><br>Il-Karta tal-Identità elettronika tista' tinġabar mit-Taqsima tal-Karta tal-Identità wara sitt ijiem ta' xogħol. L-applikanti jridu jippreżentaw il-Karta tal-Identità elettronika preċedenti tagħhom.<br><br>Parti terza tista' wkoll tiġbor Karta tal-Identità elettronika f'isem applikant. Il-parti terza jkollha tippreżenta l-Karta tal-Identità elettronika preċedenti tal-applikanti flimkien mad-dokument ta' identifikazzjoni tiegħu/tagħha.<br><br>L-applikanti li jagħżlu li jirċievu l-Karta tal-Identità elettronika tagħhom bil-posta rreġistrata se jirċevuha fi żmien sebat ijiem sa għaxart ijiem, skont is-servizz postali. Il-persuna li tirċievi l-Karta tal-Identità elettronika għandha tkun id-dar fil-ħin li tiġi riċevuta u jeħtieġ li tippreżenta l-Karta tal-Identità elettronika preċedenti.<br><br>Għal talbiet urġenti, il-Karta tal-Identità elettronika tista' tinġabar fi żmien tlett ijiem ta' xogħol jew inqas skont il-ħtieġa. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Bidla fl-indirizz.<br><br>Talbiet biex jinbidel l-indirizz residenzjali ta' persuna fuq il-Karta tal-Identità elettronika. | Aġenzija Identità– Taqsima tal-Karta tal-Identità. | Ċittadini ta' Malta li diġà għandhom Karta tal-Identità elettronika Maltija. | L-applikanti jridu jippreżentaw dan li ġej:<br><br>a. Il-klijenti għandhom jippreżentaw il-Karta tal- Identità elettronika tagħhom.<br>b. Il-formola mimlija ID10a.*<br><br>Il-formola l-ġdida jeħtieġ li jkollha d-dettalji korretti tal-indirizz residenzjali l-ġdid<br><br>* Il-Formola tal-Applikazzjoni ID10a tista' tinġabar mit-Taqsima tal-Karta tal-Identità. Informazzjoni rilevanti oħra tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit web ta' Identità Malta https://www.identitymalta.com/unit/taqsima-tal-karta-tal-identita/?lang=mt | L-istess bħal hawn fuq. | Fl-istadju tal-approvazzjoni, l-applikanti se jirċievu imejl awtoġenerata u se jiġu infurmati li l-applikazzjoni tagħhom qed tiġi pproċessata skont il-bidliet mitluba.<br><br>Il-Karta tal-Identità elettronika tista' tinġabar mit-Taqsima tal-Karta tal-Identità wara sitt ijiem ta' xogħol. L-applikanti jkollhom jippreżentaw il-Karta tal-Identità elettronika preċedenti tagħhom u jipprovdu evidenza sodisfaċenti b'appoġġ għall-indirizz il-ġdid, li jista' jinkludi kont tal-utilità, dikjarazzjoni bankarja, kuntratt ta' kiri/xiri tal-proprjetà.<br><br>Parti terza tista' wkoll tiġbor il-Karta tal-Identità elettronika f'isem applikant. Il-parti terza jkollha tippreżenta d-dokumenti msemmija hawn fuq, flimkien mad-dokument ta' identifikazzjoni tagħha.<br><br>L-applikanti li jagħżlu li jirċievu l-Karta tal-Identità elettronika tagħhom bil-posta rreġistrata se jirċevuha fi żmien sebat ijiem sa għaxart ijiem, skont is-servizz postali. Il-persuna li tirċievi l-Karta tal-Identità elettronika għandha tkun id-dar fil-ħin li tiġi riċevuta u jeħtieġ li tippreżenta l-Karta tal-Identità elettronika preċedenti.<br><br>Għal talbiet urġenti, il-Karta tal-Identità elettronika tista' tinġabar fi żmien tlett ijiem ta' xogħol jew inqas skont il-ħtieġa. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Bidla fl-isem jew fil-kunjom ta detentur.<br><br>Talba biex jinbidel l-isem jew il-kunjom tad-detentur fuq il-Karta tal-Identità elettronika. | Aġenzija Identità – Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku u t-Taqsima tal-Karta tal-Identità. | Ċittadini ta' Malta li diġà għandhom Karta tal-Identità elettroika Maltija. | NOTA: L-isem jew il-kunjom jeħtieġ li jinbidel mill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku qabel ma ssir applikazzjoni għal Karta tal-Identità elettronika ġdida.<br><br>L-applikanti jridu jipprovdu dan li ġej:<br><br>a. Il-klijenti għandhom jippreżentaw il-Karta tal-Identità elettronika tagħhom.<br>b. Il-Formola ID10a mimlija.*<br><br>* Il-Formola tal-Applikazzjoni ID10a tista' tinġabar mit-Taqsima tal-Karta tal-Identità. Informazzjoni rilevanti oħra tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit web tal-Aġenzija Identità: https://www.identitymalta.com/unit/taqsima-tal-karta-tal-identita/?lang=mt | L-istess bħal hawn fuq. | Fl-istadju tal-approvazzjoni, l-applikanti se jirċievu imejl awtoġenerata u se jiġu infurmati li l-applikazzjoni tagħhom qed tiġi pproċessata skont il-bidliet mitluba.<br><br>Il-Karta tal-Identità elettronika tista' tinġabar mit-Taqsima tal-Karta tal-Identità wara sitt ijiem ta' xogħol. L-applikanti jkollhom jippreżentaw il-Karta tal-Identità elettronika preċedenti tagħhom.<br><br>Parti terza tista' wkoll tiġbor Karta tal-Identità elettronika f'isem applikant. Il-parti terza jkollha tippreżenta l-Karta tal-Identità elettronika preċedenti tal-applikanti flimkien mad-dokument ta' identifikazzjoni tiegħu/tagħha<br><br>L-applikanti li jagħżlu li jirċievu l-Karta tal-Identità elettronika tagħhom bil-posta rreġistrata se jirċevuha fi żmien sebat ijiem sa għaxart ijiem, skont is-servizz postali. Il-persuna li tirċievi l-Karta tal-Identità elettronika għandha tkun id-dar fil-ħin li tiġi riċevuta u jeħtieġ li tippreżenta l-Karta tal-Identità elettronika preċedenti.<br><br>Għal talbiet urġenti, il-Karta tal-Identità tista' tinġabar fi żmien tlett ijiem ta' xogħol jew inqas skont il-ħtieġa. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Bidla ta' Karta tal-Identità elettronika bil-ħsara.<br><br>Bidla ta' Karta tal-Identità elettronika bi ħsara fiżika u ta' Karta tal-Identità elettronika b'ċippa difettuża. | Aġenzija Identità– Taqsima tal-Karta tal-Identità. | Ċittadini ta' Malta li diġà għandhom Karta tal-Identità' elettronika Maltija. | L-applikanti jridu jippreżentaw dan li ġej:<br>a. Il-klijenti għandhom jippreżentaw il-Karta tal-Identità elettronika tagħhom<br>b. Il-Formola ID10a mimlija*<br><br>F'każ ta' Karta tal-Identità elettronika li tkun saritilha ħsara fiżika, tapplika tariffa ta' € 16.50. M'hemm l-ebda ħlas fil-każ ta' ċippa difettuża.<br><br>* Il-Formola tal-Applikazzjoni ID10a tista' tinġabar mit-Taqsima tal-Karta tal-Identità. Informazzjoni rilevanti oħra tista' tiġi aċċessata fuq is-sit web tal-Aġenzija Identità: https://www.identitymalta.com/unit/taqsima-tal-karta-tal-identita/?lang=mt | L-istess bħal hawn fuq. | L-istess bħal hawn fuq. |
| Servizz fid-dar<br><br>Żjarat fid-djar lil dawk l-applikanti kollha li għandhom problemi ta' mobilità. | Aġenzija Identità– Taqsima tal-Karta tal-Identità | Ċittadini ta' Malta | Is-servizzi kollha msemmija hawn fuq huma offruti lill-applikanti kollha li għandhom diffikultà biex joħorġu minn djarhom. Irreferi għas-servizzi ta' hawn fuq għar-rekwiżiti ta' konformità. | L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi online permezz tas-sit web https://eforms.identitymalta.com/download/identity-card/form-id-6-appointment-for-an-identity-card-house-visit. Meta jiġu sottomessi, l-applikanti jirċievu imejl awtoġenerata li tinfurmahom lit-Taqsima tal-Karta tal-Identità se tikkuntattjahom biex isir appuntament.<br><br>L-applikanti u l-partijiet terzi jistgħu wkoll iressqu talba f'isem id-detentur tal-Karta tal-Identità elettronika mat-Taqsima tal-Karta tal-Identità, permezz tal-imejl infoeid@gov.mt jew billi jċemplu fuq + 356 2590 4300. | It-talba għal appuntament se tiġi pprovduta fi żmien jum ta' xogħol. L-appuntamenti jinħarġu fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel u jiddependu fuq il-lokalità tal-applikant.<br><br>Il-Karta tal-Identità elettronika tasal bil-posta fi żmien sebat ijiem sa għaxart ijiem, skont is-servizz postali. Il-persuna li tirċievi l-Karta tal-Identità elettronika għandha tkun id-dar fil-ħin li tiġi riċevuta u jeħtieġ li tippreżenta l-Karta tal-Identità elettronika preċedenti tagħha.<br><br>Għal talbiet urġenti, il-Karta tal-Identità elettroniku tista' tinġabar minn partijiet terzi, fi żmien tlett ijiem ta' xogħol jew inqas skont il-ħtieġa. Irreferi għas-servizzi msemmija hawn fuq għad-dokumentazzjoni meħtieġa. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna lill-klijenti tat-Taqsima tal-Karta tal-Identità elettronika dwar il-kontijiet virtwali tal-eID.<br><br>Assistenza lill-klijenti dwar mistoqsijiet relatati mal-Karta tal-Identità elettronika.<br><br>Assistenza lill-klijenti bil-kont virtwali tagħhom tal-eID.<br><br>Assistenza lill-klijenti fl-issettjar mill-ġdid tal-PINs tal-Karta tal-Identità elettronika tagħhom, għajnuna biex jattivaw l-awtentikazzjoni b'Two Factor, fil-bidla tal-password, u fl-aġġornament tal-indirizz tal-imejl jew tan-numru ta' kuntatt. | Aġenzija Identità Malta – Taqsima tal-Customer Support u Response dwar il-Karta tal-Identità elettronika u kont virtwali tal-eID. | Residenti Maltin li għandhom Karta tal-Identità elettronika valida jew dokument/karta ta' residenza. | Mhux applikabbli. | Il-klijenti jistgħu jikkuntattjaw lit-Taqsima tal-Karta tal-Identità fuq + 356 25904300, jibagħtu imejl lil infoeid@gov.mt jew iżuru l-uffiċċju tagħna f'Gattard House, Blata l-Bajda.<br><br>Sabiex jiġi ssettjat mill-ġdid in-Numru ta' Identifikazzjoni Personali tal-Karta tal-eID (PIN), il-klijenti jkollhom bżonn iżuru l-uffiċċju tagħna personalment u jippreżentaw il-Karta tal-Identità elettronika tagħhom.<br><br>Sabiex tiġi mibdula l-imejl, il-klijenti jkollhom bżonn iżuru l-uffiċċju personalment u jippreżentaw il-Karta tal-Identità elettronika tagħhom. | Il-klijenti huma mgħejjuna istantanjament fuq it-telefown. It-telefonati huma mwieġba fil-pront matul il-ħinijiet tal-uffiċċju. Matul il-ġimgħa, imejls huma mwieġba fi żmien jum tax-xogħol minn meta jiġu riċevuti.<br><br>Ħolqa ta' attivazzjoni għall-kont tal-eID tintbagħat bil-posta elettronika. Din il-ħolqa hija pprovduta istantanjament lill-klijenti li jiġu fit-Taqsima tal-Karta tal-Identità; fi żmien jum tax-xogħol jekk it-talba tintbagħat bil-posta elettronika; jew fi żmien tlett ijiem tax-xogħol jekk l-applikant jissottoskrivi għal kont virtwali tal-eID fl-applikazzjoni tal-Karta tal-Identità elettronika tiegħu/tagħha. |
| Bejgħ ta' card readers | Aġenzija Identità Malta - Taqsima tal-Karta tal-Identità | Residenti Maltin li għandhom Karta tal-Identità elettronika Maltija valida jew dokument/karta ta' residenza. | Card reader jiswa €20.00. | Il-card readers jistgħu jinxtraw mit-Taqsima tal-Karta tal-Identità fil-Blata l-Bajda. | Il-card readers huma disponibbli fit-Taqsima tal-Karta tal-Identità u jitqassmu fuq talba. |